# Il-Pubblikazzjoni u t-Tnedija tal-Ktieb

## THE NADUR BASILICA IN GOZO: ART - ARCHITECTURE - DECORATION

Il-bżonn li l-Knisja Kolleġġjata u Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur, Għawdex tkun aktar apprezzata fuq livell nazzjonali kien qiegħed jinħass. Wara li nhar il-25 ta' Settembru 2015 kienet saret taħdita pubblika fl-okkażjoni tal-100 sena mill-inawgurazzjoni tal-estensjoni u d-dekorazzjoni tal-knisja li kien sar fl-1915, kienet qamet l-idea li jsir ktieb sabiex jaqdi din il-funzjoni.



Editjat minn Mark Sagona, *The Nadur Basilica in Gozo: Art – Architecture – Decoration* huwa monument denju għal din l-opra tal-arti fin-Nadur. Il-ktieb huwa mqassam f'ħames kapitli bl-ewwel wieħed ikun sfond storiku, miktub minn Daniel Meilak. L-għan huwa li dan il-kapitlu jgħin lill-qarrej sabiex jifhem il-kuntest li fih saret din l-opra matul il-mixja tas-sekli. L-arkitettura hija studjata minn Conrad Thake li jibda sa mill-bidu tal-bini tal-knisja fl-1760 u jkompli miexi mal-mixja tas-snin, b'enfasi partikulari fuq il-perjodu 1907-1915 meta sar il-proġett il-kbir tat-tkabbir u t-tisbiħ tal-knisja.



It-tliet kapitli l-oħrajn huma lkoll miktuba minn Mark Sagona. Fit-tielet wieħed huwa jidħol fil-fond tal-arti li tinsab fil-Bażilika, b'mod speċjali l-pitturi u l-istatwi. Dan il-kapitlu joffri studju mill-isbaħ b'diversi attribuzzjonijiet lill-pitturi li sa issa jew kienu anonimi, jew inkella ma kinux studjati tajjeb. Fir-raba' kapitlu jirriċerka l-arti li tinsab fis-saqaf tal-knisja li saret wara l-1907. Iżda aktarx li l-aktar studju frisk u bżonnjuż kien dak li jinsab fil-ħames kapitlu, meta Sagona jiffoka fuq l-arti dekorattiva, mill-artali sat-tużell, mill-pulptu sal-ventartali, mill-gallerija tal-orgni sal-kapitelli tal-pilastri tal-knisja. Ir-riċerka fuq il-fidded tal-knisja hija mill-aktar interessanti u wasslet għal skoperti sinifikanti, fosthom l-artist wara l-lampier il-maġġur tal-fidda li jinsab fil-korsija, li jagħmlu wieħed mill-aktar lampieri importanti fil-gżira Għawdxija.



Il-fotografija tieħu l-parti l-kbira minn dan il-ktieb. Kollu xogħol il-fotografu Martin Attard li ħa ħsieb l-esiġenzi tal-editur u l-kontributuri sabiex jipprovdi r-ritratti meħtieġa għall-akkumpanjament tal-istudju. Meta wieħed iqalleb il-paġni tal-ktieb ma jistax ma jimmeraviljax ruħu b'dak kollu li jagħmel il-knisja tan-Nadur dak li hi llum.

It-tnedija tal-ktieb saret nhar is-7 ta' Ġunju 2018 fis-7.30pm fost udjenza numeruża. Fuq wiċċ ħafna dehret espressjoni ta' sodisfazzjon u stagħġib għal din il-biċċa xogħol hekk professjonali. Dakinhar tkellmu l-Prof. Keith Sciberras li enfasizza l-irwol ta' dan il-ktieb li jagħti, mhux sempliċi deskrizzjoni, iżda studju analitiku tal-arti tal-knisja tan-Nadur. Dr Mark Sagona spjega x'kien jinvolvi x-xogħol fuq dan il-proġett u x'kienu l-aktar affarijiet importanti li ħarġu minnu. L-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri rringrazzja lil dawk kollha involuti u poġġa l-ktieb fl-ambitu spiritwali u fil-ħajja tal-komunità parrokkjali li fiha ssawret il-knisja matul iż-żminijiet. Finalment l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex tkellem dwar ir-relazzjoni bejn is-sabiħ, it-tajjeb u l-veru, u kif dawn huma intimament marbuta flimkien. Indirizza lill-istudjużi tal-arti preżenti u qalilhom li l-artisti huma koperaturi fix-xandir tal-Evanġelju, għax l-arti tista' tkun Vanġelu viżwali. Saret il-preżentazzjoni tal-ktieb lill-Isqof ta' Għawdex u lill-Ministru ta' Għawdex l-Onor. Justyne Caruana li kienet preżenti għall-okkażjoni. Wara t-tnedija l-kontributuri kienu disponibbli li jiffirmaw il-kotba ta' dawk li kienu preżenti.

Il-ktieb, li huwa stampat f'edizzjoni limitata, issa jinsab għall-bejgħ. Għal aktar tagħrif wieħed jista' jikkuntattja l-Uffiċċju Parrokkjali tan-Nadur.

Edited by
MARK SAGONA